MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 71

**6 ta' Novembru 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony

Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard u is-Sur Owen Patrick Attard.

**71.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

71.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

71.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx irċieva ittri ta' apoloġiji.

**71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

71.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 70 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

71.2.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti ta' laqgħa 70 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**71.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

71.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fakkret illi se niġbru flus għall-ISTRINA f'attivita' li fiha se jieħdu sehem kunsilli oħra.

71.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi n-nominazzjonijiet għal Ġieħ Birkrikara jinsabu miftuħin.

71.3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issuġġeriet illi l-Unur Birkirkara jingħata lil Melvin Micallef li rebaħ Mr Malta, lill-Klabb tal-Boċċi Champions ta' Malta, it-Tim tan-Nisa tal-futbol li rebħu t-tazzi kollha, u is-Sur Daniel Vella li hu kantant.

71.3.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issuġġeriet illi bħala apprezzament lil persuni li jgħinu lill-Kunsill matul is-sena jingħataw lis-Supretendent Anthony Cassar u Spettur Elton Taliana, min-naħa tal-Go, is-sinjuri Clinton John Saliba u Stephen Sargent, Charles Muscat u l-perit David Vassallo minn Transport Malta, l-inġinier Ronald Pace u s-Sur Joseph Gregoracci min-naħa tal-Water Services, is-Sur Tony Buġeja li huwa voluntier u s-Sur Charles Grech li dejjem jgħin fejn hu possibli.

71.3.5 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għandna bżonn nibgħatu rappreżentant fuq il-bord tal-Planning Authority li qed jiddiskuti l-proġett ta' Farsons. Hi ssuġġeriet li jmur il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

71.3.6 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-kartolina din is-sena se tintgħażel minn fost it-tpinġijiet tat-tfal u talbet biex jitlaqqa' kumitat sabiex jagħżel waħda tat-tfal bejn 4-7 u oħra bejn 8-10.

**71.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

71.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami ġibed l-attenzjoni dwar Triq Bontadini fejn kien hemm *ironmongery* għax hemm periklu minħabba l-mod kif saret il-bankina. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lis-segretarju jerġa' jfakkar lill-perit ta' TM dwar dan.

71.4.2 Il-Kunsillier is-Sur John Borg staqsa fhiex wasal ir-rinnovar tal-latrini. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-latrini huma lesti pero' triq tara min se jieħu ħsiebhom qabel ma jinfetħu għax inkella jkun hemm vandaliżmu. Hi qalet li qed niddiskutu mal-*cleansing department* biex jagħtina lil xi ħadd inaddafhom u joqgħod magħhom.

**71.5 PA/01161/17 Sqaq il-Vitorja**

71.5.1 Il-Perit Ronald Bezzina li kien preżenti qal illi l-klijenti tiegħu diġa' applika għal rinnovar tad-dar u kien qed japplika għal garaxx. Il-*Planning Authority* qalu li l-wisa' tat-triq tippermetti li dan isir pero' hemm bankina li qisha tarġa illi trid tonqos mid-daqs tagħha u huma għandhom bżonn NO OBJECTION min-naħa tal-Kunsill biex dan isir. Jiġifieri din it-tarġa tinqata' bi ftit u jerġa' jsir *reinstatement* tagħha. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li jridu joqogħdu attenti li ma hiex propjeta' privata bħal ma hawn fi sqaq Tumas Fenech. Il-Perit Bezzina qal li ħadd ma kien oġġezzjona fuq din. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ma tifhimx għaliex kellna niddaħħlu aħna f'din u ma hemmx oġġezzjoni li din il-modifika ssir. Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar ried preċiżazzjoni illi r-resident xorta se jkollu biċċa bankina quddiemu, u din l-assikurazzjoni ngħatat. B'hekk is-Segretarju Eżekuttiv ingħata l-inkarigu joħroġ in-NO OBJECTION rikjesta.

**71.6 Staff tal-Kunsill**

71.6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-Bord tar-riżorsi umani ltaqa' fuq il-vakanza ta' *Council Attendant* u ntagħżel persuna sabiex timtela' l-vakanza. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord bla oġġezzjoni.

**71.7 Tenders ġodda**

71.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għalkemm qed nippressaw mal-*Cleansing* Department sabiex jagħtuna nies biex jieħdu ħsieb il-latrini, għad ma għandniex risposta. Jekk mhux se jkollna, hemm bżonn li jinħareġ tender biex nieħdu ħsiebha aħna. Madankollu kien hemm diskussjoni anke dwar x'qed jiġri f'lokalitajiet oħra u ntlaħaq ftehim illi sal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, ma joħroġ l-ebda tender u nerġgħu nevalwaw is-sitwazzjoni.

71.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami bħala President tar-reġjun dwar jekk hux se jinħarġu tenders reġjonali pero' sa issa jidher li ma hemm xejn minn dan. Kien hemm suġġeriment illi jekk ma jkunx hemm risposta definitiva dwar din jiġu estiżi xi tenders b'sitt xhur.

**71.8 Rapport ta' Evalwazzjoni**

71.8.1 Tressqu tliet rapport ta' evalwazzjoni, dik għal tinda f'Jum Birkirkara, dwal tal-Milied u l-kjosk ta' l-istazzjon.

71.8.2 Rigward it-tinda f'Jum Birkirkara l-bord ma għażilx l-irħas offerta għax ma kinietx konformi ma' l-ispecs. Il-bord irrakomanda li tintgħażel l-offerta ta' TEC Ltd għall-ammont ta' 2300euro. Kien hemm qbil unanimu.

71.8.3 Rigward id-dwal tal-Milied daħlet offerta waħda, dik ta' Clinton Debono, bl-ammont ta' 5000euro li ntagħżlet. Kien hemm qbil unanimu.

71.8.4 Rigward l-offerta tal-kjosk fi Ġnien Stazzjon kien hemm offerta waħda, dik ta' SJF Ltd, li offrew 12,000euro fis-sena biex jieħdu l-kjosk. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi għandna noqogħdu attenti għax hemm il-każ il-Qorti u ma jmurx isir xi mandat. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi t-talba fil-Qorti hija għall-flus u mhux biex jittieħed il-kjosk lura. Wara dan l-iskambju, il-Kunsill qabel nem. con. illi l-kjosk jingħadda lil din il-kumpanija SJF Ltd.

**71.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 51, u Petty Cash**

71.9.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg issekondata mill-kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

71.9.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 52 kienet approvata – dan fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla

**71.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata.

Konfermati, illum 7 ta' Diċembru 2017.

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |